

Sentenza tal-Qorti tal-Gattopardi (Awla Manja) tad-9 ta' April 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda

(Kawża C-85/11) (1)

(“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 9 u 11 — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li persuni mhux taxxabbi jiġu inklużi fi grupp ta’ persuni li jista’ jiġu kkunsidrati bħala persuna taxxabbi waħda sugħġetta għall-VAT”)

(2013/C 156/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: R. Lyal, agħejja)

Konvenuta: L-Irlanda (rappreżentanti: D. O'Hagen, aġent, G. Clohessy SC, N. Travers, BL)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek u T. Müller, aġenti), Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: inizjalment C. Vang, u sussegwtement V. Pasternak Jørgensen, aġenti), Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: H. Leppo u M. S. Hartikainen, aġenti), Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: H. Walker, aġent, assistit minn M. Hall, barrister)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-inklużjoni ta' persuni li mhux taxxabbli fi grupp tal-VAT

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
 - (2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*
 - (3) *Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta fuq għandhom ibattu l-ispejjeż tagħhom.*

(1) ĠU C 145, 14.05.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof — il-Ġermanja) — RWE Vertrieb AG vs Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV

(Kawża C-92/11) (1)

(Direttiva 2003/55/KE — Suq intern tal-gass naturali — Direttiva 93/13/KEE — Artikolu 1(2) u Artikoli 3 sa 5 — Kuntratti konklużi bejn il-bejjiegħ j ew forniti ri u l-konsu-maturi — Kundizzjonijiet ġenerali — Klawżoli inġusti — Bidla unilaterali mill-bejjiegħ j ew forniti ri tal-prezz tas-servizz — Riferiment għal leġiżlazzjoni imperattiva maħsuba għal kategorija oħra ta' konsumaturi — Applikabbiltà tad-Direttiva 93/13/KEE — Obbligu ta' redazzjoni sempliċi u ċara u ta' trasparenza)

(2013/C 156/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: RWE Vertrieb AG

Konvenut: Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesgerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2) u, flimkien mal-punt 1(j) u t-tieni sentenza tal-punt 2(b) tal-Anness, tal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f-kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 15, Vol. 2, p. 288) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(3), flimkien mal-punti (b) u (c) tal-Anness A, tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 12, Vol. 2, p. 230) — Klawżola li tistabbilixxi d-dritt tal-bejjiegħ jew fornitur li jbiddel unilateralment il-prezz tas-servizz b'riferiment għar-regoli vinkolanti intiżi għal kategorija oħra ta' konsumaturi — Applikabbiltà tad-Direttiva 93/13/KEE — Rekwiżiti marbuta mal-obbligi ta' redazzjoni sempliċi u ċara u ta' trasparenza

Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli īngusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva tappplika għall-klawżoli tal-kundizzjonijiet ġenerali integrati f'kuntratti, konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, li jadottaw regola tad-dritt nazzjonali applikabbli għal kategorija oħra ta' kuntratt u li ma humiex suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.
 - (2) L-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 93/13, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva